# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
# (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 25 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 756/2017 JPG**
**Kawza Numru: 14**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Philip Caruana (ID Nru 361357M) u Ludgarda Caruana (ID Nru 469266M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpannija HSBC Bank Malta p.l.c, datat 17 ta' Awwissu 2017, a fol 1 et seqq:

Tesponi bir-rispett, u l-Av. Ralph Agius Fernandez (ID 565688M) in rapprezentanza tal-kumpannija esponenti bil-ġurament tieghu jikkonferma:

1. *Illi in forza ta' kuntratt tat-30 ta' Novembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, il-Bank attur ta faċiltajiet bankarji lill-konvenuti Philip u Ludgarda konjuġi Caruana solidalment bejniethom konsistenti f'self għas-somma ta' ħamsin elf ewro (€50, 000)* (Dok. A);

2. *Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter tat-21 ta' Ottubru 2011 (Dok. B) li tirrigwarda dan il-kont (Maxicredit Account Numru 18075997) u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, mija u sitta u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€44,166.46), dovuta in kwantu għal tlieta u erbgħin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€43,673.35) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti erba' mija u tlieta u disgħin Ewro u ħdax-il centezmu (€493.11) bħala imgħax ikkalkulat sal-14 ta' Awwissu 2017 (Dok. C), oltre l-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-ammonti fuq indikati permezz ta' ittra uffiċjali datata 3 ta' Lulju 2015, hawn annessa bħala Dok. D baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

(i) *Tiddikjara li l-konvenuti Philip Caruana u Ludgarda Caruana huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, mija u sitta u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€44,166.46), dovuta in kwantu għal tlieta u erbgħin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€43,673.35) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti*

*erba' mija u tlieta u disgħin Ewro u ħdax-il centezmu (€493.11) bħala imgħax ikkalkulat sal-14 ta' Awwissu 2017 ;*

*(ii) tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' erbgħa u erbgħin elf, mija u sitta u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€44,166.46);*

*(iii) tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont fuq imsemmi mill-15 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 3 ta' Lulju 2015 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti għas-subizzjoni.*

Rat illi fis-seduta tas- 7 ta' Novembru 2017, Dr Sant Fournier talbet lill-Qorti li in segwitu ta' tentattiv ghan-notifika wara l-hinijiet legali, hija tkun awtorizzata tipprocedi b'notifika b'affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali. Il-Qorti laqghet t-talba. (Vide fol 43)

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2018, dehret Ludgarda Caruana li taght ruhha b'notifikata bir-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh. Il-Qorti spjegat li ghandha tmur ghand avukat u tipprezenta risposta guramentata u l-konsegwenzi tal-kontumacja. (Vide fol 111)

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2018 dehret Ludgarda Caruana assistita minn Dr Maxeline Ellul, fejn permezz ta' nota ipprezentat affidavit ta' Philip Caruana (Vide fol 118) li fih huwa spjegal lill-Qorti l-istat ta' sahha mwergha tieghu. Giet ipprezentata wkoll nota ta' ammissjoni li permezz taghha l-konjugi Caruana ammettew it-talbiet tal-bank attur. (Vide fol 117).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-intimati ammettew it-talba tas-socjeta rikorrenti, permezz ta‘ nota datat 14 ta‘ Marzu 2018, li tinsab esebita a fol 117 tal-process. In vista ta‘ din l-ammissjoni, il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta‘ u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni tal-intimati stess:**

1. **Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati Philip Caruana u Ludgarda Caruana huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank rikorrenti fis-somma ta’ erbgħa u erbgħin elf, mija u sitta u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€44,166.46), dovuta in kwantu għal tlieta u erbgħin elf, sitt mija u tlieta u sebgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€43,673.35) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti erba’ mija u tlieta u disgħin Ewro u ħdax-il centezmu (€493.11) bħala imgħax ikkalkulat sal-14 ta’ Awwissu 2017;**

2. **Tilqa’ t-tieni talba u t-tielet talba u tikkundanna lill-istess intimati solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank rikorrenti l-imsemmija somma ta’ erbgħa u erbgħin elf, mija u sitta u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€44,166.46), bl-imghax legali dekoribbli mill-15 ta’ Awissu 2017 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**